**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 19/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Amanda Grech**

Illum, 25 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Amanda Grech, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0232482M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-15 t`April, 2023 għall-ħabta ta` 20:00hrs f`Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla saqet vettura b`numru ta` reġistrazzjoni MDZ164:

1. U talli saqet l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza;
2. U talli saqet l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont;
3. U talli kisret il-paċi pubblika u l-bon ordni bl-għajjat u/jew ġlied u/jew b` xi mod ieħor;
4. U b`nuqqas ta` ħsieb u bi traskuraġni jew b`nuqqas ta` ħila fl-art jew professjoni jew b`nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabtet ma` vettura nru: DON189 w involontarjament ikkaġunat ħsarat għad-dannu ta` Donatella Aquilina;
5. Saqet jew ippruvat issuq jew kellha kontroll tal-imsemmija vettura fi triq jew f`post pubbliku meta ma` kinitx f`kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi;

6. U aktar talli irrifjutat jew naqset milli tagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs jew kampjun ta` l-urina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-23 ta' Settembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) (2), 15A, 15E tal-Kap 65, L.S 65.18 art.36B u LS 65.18 sitt skeda.338(dd), 328(d) tal- Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lil Amanda Grech ħatja tat-tieni, tielet, raba', ħames u sitt imputazzjoni u lliberatha minn kull ħtija u piena dwar l-istess. *In oltre*, sabitha ħatja tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatha għal multa ta' elf u mitejn ewro (1200) u skwalifikaha mill-liċenzji kollha ta sewqan għal żmien tlett (3) xhur u tmien (8) punti fuq il-liċenzji tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellanti Amanda Grech, ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2024, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ġiet illiberatha mit-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni u tgħaddi sabiex tirrevokaha u tikanċellaha f'dik il-parti fejn ġiet misjuba ħatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tagħha u minflok tgħaddi sabiex tilliberaha mill-istess u minn kull piena konsegwenti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 4 ta' Diċembru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti tressaq tlett aggravji li lkoll jittrattaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, li din l-Qorti ser tikkonsidra flimkien. Dawn l-aggravji senjatament jittrattaw -

i) L-applikazzjoni ħażina tal-elementi tar-reat ta' sewqan perikoluż.

ii) Nuqqas ta' prova dwar il-vettura involuta fis-sinistru.

iii) Nuqqas ta' prova dwar il-post fejn seħħ is-sinistru.

Illi, in suċċint, l-appellanti tilmenta li mill-provi prodotti ma irriżulta li kien hemm ebda nuqqas attribwibbli lilha li wassal għar-reita' fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabitha ħatja ta' l-istess. Tilmenta imbagħad illi ma hemm ebda prova in atti li jindika il-post fejn seħħ is-sinistru u lanqas li l-vettura involuta kienet misjuqa minnha.

Illi, eżaminati l-atti proċesswali għal fini li jkun stabbilit, fil-limiti tas-setgħat ta' din il-Qorti li tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġonevolment u legalment validu[1], jirriżulta mill-*affidavit* ta' PS 2041 Elaine Cassar li nhar il-5 t'April 2023, għal ħabta tat-20:00hrs, seħħet kollizzjoni bejn vettura tal-għamla *Mini Cooper* D bin-numru ta' reġistrazzjoni MDZ-164 misjuqa mill-appellanti u vettura tal-għamla *Toyota Vitz* bin-numru ta' reġistrazzjoni DON-189 misjuqa mill-parte ċivile Donatella Aquilina. Illi meta mitkellma minn PS 2041, l-vittma stqarret "**li hekk kif ħarġet mill-*parking bay*, il-vettura MDZ164 li kienet qed tinstaq bi *speed* eċċessiv baqgħet dieħla ġol vettura tagħha**".

Illi, Donatella Aquilina xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fejn reġgħet saħqet li fil-ħin tal-inċident hija kienet għadha kemm ħarġet mill-*parking bay* u kienet saqet distanza żgħira, meta l-appellanti – li hija għarfet fl-awla - ħabtet fil-vettura tagħha minn naħa ta' wara. Ikkonfermat li meta ħarġet mill-*parking bay* kienet xegħlet l-*indicator*. Finalment xehdet li l-ħsara subita kienet dik ta' madwar €600 għax kellu jinbidel il-*bumper* kollu u li l-appellanti kkumpensata għal dawn il-ħsarat.

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, *a tempo vergine*, ġie mitkellem ukoll Martin Joseph Xuereb li kien xhud okulari tal-inċident, li stqarr "**li qabel ma seħħ l-inċident huwa kien qed jara lil Donatella ħierġa mill-*parking*, fejn f'ħin minnhom lemaħ il-vettura MDZ164 ġejja bi *speed* eċċessiv, huwa beda jagħmel sinjal lix-xufier biex inaqqas, iżda din xorta baqgħet ġejja bi *speed* eċċessiv b'konsegwenza li baqgħet dieħla fil-vettura ta' Donatella u kienet ser ittajjar lilu**".

Illi, *a tempo vergine*, ġiet mitkellma ukoll l-appellanti fejn stqarret li "**hija ma tiftakarx li kienet laqtet vettura u kif ukoll ma tafx li kien seħħ x'inċident**". Meta ġiet mistoqsija minn fejn kienu ġew il-ħsarat li kien hemm fuq il-vettura tagħha bin-numru ta' reġistrazzjoni MDZ164 hija għażlet li ma tweġibx. PS 2041 Elaine Cassar stqarret li l-appellanti kienet tidher li kienet fis-sakra u ma kkoperat xejn mal-Pulizija.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti kienet misjuba ħatja unikament tar-reat tas-sewqan perikoluż. Din l-imputazzjoni issib konfort fil-verżjoni *a tempo vergine* u x-xiehda ta'l-parti offiża Donatella Aquilina li tgħid li l-appellanti ħabtet fil-vettura tagħha waqt li hija kienet ħierġa mill-*parking bay* għaliex kienet qed issuq bi *speed eċċessiv* u allura huwa evidenti minn dak mistqarr minn Aquilina illi l-appellanti ma setatx tirrallenta tempestivament hekk kif sabet lil Aquilina ma' wiċċha. L-appellanti fl-ewwel aggravji tikkontendi illi minn din ix-xiehda ma jirriżultawx l-estremi tal-elementi ta' dritt li jsawru dan ir-reat.

Illi dawn l-elementi ġew identifikati fis-sentenza fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Alfred Mifsud</u>"[2] meta ġie deċiż illi jkun hemm sewqan perikoluż *[dangerous driving]* meta dan jammonta għal perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza *o meno* ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel.[3] Fost iċ-ċirkostanzi li jammontaw għal sewqan perikoluż huwa proprju dak tas-sewqan bi speed eċċessiv. Speed jista' jkun eċċessiv anki jekk

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997.
[3] Vide "<u>Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain</u>", deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Mejju, 1950.

ma jiskorrix il-limiti regolamentari, izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument. Ġie deċiż illi;

> **Din il-Qorti tosserva illi mhuwiex kompitu taghha li taqta' u tiddeciedi min kien effettivament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u sa liema grad, xi haga illi tinkombi lill-qorti ta' gurisdizzjoni civili, izda trid taqta' u tiddeciedi biss jekk, fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha, giex ippruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, kif rikjest fil-kamp kriminali, illi l-appellant fl-okkazjoni mertu ta' din il-kawza kien qieghed isuq bi speed' eccessiv u Ii bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna hsarat fiI-vettura minnu misjuqa u fiI-vettura misjuqa minn haddiehor ghad-dannu ta' terzi.- Paul Cremona 23/11/2001**

U allura id-difiża imqanqla mill-appellanti illi l-parti offiża kienet il-kawza prossima tas-sinistru meta ħarġet mill-*parking bay* ma tistax fiha innifisha twassal sabiex teżimi lill-appellanti mir-responsabbiltà penali u dan għaliex dak li jrid jiġi determinat huwa jekk is-sewqan tagħha setax fiċ-ċirkostanzi jikkostitwixxi periklu għall-utenti l-oħra tat-triq.

Illi l-uniku evidenza li l-Qorti kellha quddiemha kif ingħad tikkonsisti fix-xiehda ta' Donatella Aquilina, l-affidavit tas-surgent Elaine Cassar u l-okkorrenza tal-pulizija. Minn din l-evidenza ma jirriżultax illi hemm xi dubbju dwar is-segwenti fatti:

1. Illi is-sinistru stradali seħħ proprju fi Triq l-Inkurunazzjoni ġewwa Bormla. Prova kuntrarja għal dan il-fatt stabbilit ma hemmx.
2. Illi fil-ħin ta'l-inċident apparti l-vettura ta'l-parti offiża kien hemm *pedestrian* għaddej li l-pulizija ħadu l-verżjoni tiegħu tal-fatti.
3. Illi l-vetturi involuti fl-inċident kienu dik bin-numru ta' reġistrazzjoni DON189 misjuqa minn Donatella Aquilina u vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MDZ 164 misjuqa mill-appellanti.
4. Illi l-appellanti talbet lill-pulizija sabiex jagħtuha lura iċ-ċavetta tal-vettura tagħha meta din ittieħditilha mis-surġent Cassar għax kien hemm suspett li kienet qed isuq taħt l-influwenza tal-alkoħol. Fil-fatt iċ-ċavetta tal-vettura inġabret aktar tard mill-għassa tal-pulizija minn omm l-appellanti Emanuela Grech. Din tikkonferma illi l-vettura involuta fis-sinistru kienet tappartjeni lill-appellanti u lil ħadd iktar.

5. Illi l-appellanti kienet qiegħda issuq b'veloċità elevata oltre li ma kenitx qed iżomm *a proper lookout* tant illi ma setatx tirrallenta tempestivament hekk kif sabet il-vettura tal-parti offiża quddiemha u baqgħet dieħla fuq in-naħa ta' wara tagħha tant illi l-*bumper* spiċċa miksur.
6. Il-parti offiża tagħraf fl-awla lill-appellanti bħala dik il-persuna li ħabtet fil-vettura tagħha wara li hi ħarġet mill-*parking bay* u saqet ftit 'il fuq.

Illi l-appellanti ma tixhidx u ma tagħtix il-verżjoni tagħha tal-fatti, kif *del resto* kellha kull dritt illi tagħmel. Lanqas titlob biex isir il-kontro-eżami tax-xiehda tas-surġent Elaine Cassar biex b'hekk l-affidavit ippreżentat jagħmel prova sħiħa tal-fatti hemmhekk dikjarati fit-termini ta'l-artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali. Jikkonsegwi għalhekk illi ma hemm ebda prova in atti tal-inqas sal-grad tal-probabbli li jistgħu iwasslu biex jiskreditaw dawn il-fatti probatorji. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tagħha għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha. Għalhekk, it-tlett aggravji mressqa mill-appellanti qed jiġu respinti.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellanti tibda' tiddekorri minn għada fid-disgħa ta' filgħodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**